MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-13 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 416/2001/1

**Donna Bedingfield.**

**-vs-**

**Adrian Pavia, Raymond Schembri kif ukoll Royal Insurance Agency Limited u din bhala agent tas-socjeta’ estera CGU Insurance plc.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fl-14 ta’ Marzu, 2001 li permezz tieghu l-attrici ppremettiet:

Illi fis-17 ta' Mejju, 1996, l-attrici kienet involuta f'incident stradali f'Corradino Road, Rahal-il-Gdid, fejn waqt li hija kienet qeghda taqsam il-pedestrian crossing, fil-karreggjata li niezla fid-direzzjoni tal-Marsa, il-konvenut Adrian Pavia li kien qieghed isuq il-vettura Nru. W-5363 baqa' diehel fuq il-vettura Nru. J-0138 misjuqa mill-konvenut Raymond Schembri u li kienet wieqfa, bil-konsegwenza li l-vettura ta' l-attur baqghet diehla fuq l-attrici;

Illi minhabba tali incident l-attrici sofriet danni fuq persunitha konsistenti f'dizabilita' permanenti, ghal liema danni l-konvenuti Pavia u Schembri huma responsabbli minhabba traskuragni, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuti Pavia u Schembri jew min minnhom;

Illi sussegwentement l-attrici dahlet fi trattativi mas-socjeta' assikuratrici tal-konvenut Pavia in konnessjoni mal-kaz in kwistjoni;

Illi l-konvenuti appellati sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-attrici baqghu inadempjenti.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom huma unikament responsabbli ghad-danni sofferti mill-attrici fl-incident awtomobilistiku tas-17 ta' Mejju, 1996 minhabba traskuragni, negligenza u nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut Adrian Pavia;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attrici okkorrendo bl-opera ta' perit nominand;

3. tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, sabiex halsu lill-attrici d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-17 ta’ April, 1998 u bl-imghax relativ sal-pagament effettiv kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ipprezentata fl-20 ta’ April, 2001 li permezz taghha s-socjeta’ GasanMamo Insurance Agency Limited bhala agent tas-socjeta’ estera CGU Insurance plc eccepixxiet:

1. Illi s-socjeta’ eccipjenti m’ghandhiex ‘locus standi’ fil-kawza odjerna stante li: (1) si tratta ta’ kawza ‘ex delictu’, (2) u inoltre ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta notifikata b’ittra ufficjali kienet tkun sufficjenti ghall-finijiet ta’ esekuzzjoni diretta u ghalhekk is-socjeta’ eccipjenti m’ghandhiex tbati spejjes.

2. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ GasanMamo mahlufa minn Hugh P. Zammit, I.D 126346(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ipprezentata fil-31 ta’ Mejju, 2002 li permezz taghha l-konvenut Raymond Schembri eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma preskritti fil-konfront tal-eccepjent a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

2. Illi fil-meritu u kif jirruzalta *ex admissis* sew mid-dikjarazzjoni tal-attrici u kif ukoll mill-imgieba tal-istess

attrici qabel l-prezentata ta’ din il-kawza illi l-kollizjoni meritu tal-kawza grat minnghajr it-tort jew traskuragni tal-

eccipjent. Dan il-fatt huwa maghruf lill-attrici u accettata minnha.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta’ Jannar, 2005 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar it-tieni eccezzjoni tas-socjeta’ Gasan Mamo Insurance Agency u l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Schembri u Pavia.

Rat l-atti processwali kollha.

Ikkunsidrat.

Illi kif jidher il-konvenuti qed jeccepixxu l-preskrizzjoni ta’ sentejn skond l-Artikolu 2153 tal-Kap 12. Dan jghid li azzjonijiet ghal danni jkunu preskritti wara dak il-perjodu, salv l-applikazzjoni ta’ preskrizzjonijiet itwal jekk jirrizultaw minn reati li jkunu soggetti appuntu ghal preskrizzjoni itwal.

F’dan il-kaz l-attrici qed ticcita lill-konvenuti ghal danni li qed tallega li sofriet wara l-incident stradali li gara fis-17 ta’ Mejju, 1996. Hija baghatet ittra ufficjali fis-17 ta’ April tal-1998 u kwindi a bazi tal-Artikolu 2127 tal-istess Kap. 12, interrompiet il-preskrizzjoni. Madankollu l-kawza giet istitwita f’Marzu 2001, meta allura kien skada fil-wisa’ il-perjodu preskrittiv.

Fir-rigward tal-konvenuti Schembri u Pavia ghalhekk ma hemm ebda kwistjoni li l-perjodu preskrittiv kien ghadda ghaliex l-azzjoni attrici fil-konfront taghhom hija dik akwiljana.

Fil-konfront pero’ tas-socjeta’ assikuratrici li giet ukoll citata mill-attrici, il-kwistjoni m’hijex daqshekk cara u fil-verita’ il-

kwistjoni tal-preskrizzjoni hija marbuta ma' l-ewwel eccezzjoni taghha u cioe' li dik li ma messiex giet citata minhabba li *ai termini* tal-Kap. 104 kien ikun bizzejjed li jigi citat l-assikurat taghha u allura fl-eventwalita' ta' gudizzju fil-konfront tieghu, a bazi tal-istess Kap. 104, hija kienet tkun tenuta thallas xorta wahda.

Dan huwa kollu minnu pero' f'dan l-istadju l-Qorti ser tara jekk il-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-Artikolu 2153 hijiex applikabbli. Il-Qorti ma ghandha ebda dubbju li dan ma huwiex il-kaz ghaliex l-obligazzjoni eventwali li s-socjeta' konvenuta tigi obligata li thallas id-danni ma hijiex derivanti minn xi *culpa* da parti taghha izda mill-polza ta' assikurazzjoni li permezz taghha hija kopriet lill-assikurat taghha ghad-danni li jista' jikkawza f'incident stradali – kwindi mhijiex obligazzjoni *ex delicto* izda wahda *ex contractu.* Hija allura ukoll obligazzjoni *ex lege in vista* tal-Kap. 104 fuq imsemmi. Ghalhekk il-perjodu preskrittiv huwa ta' hames snin *ai termini* tal-Artikolu 2154 tal-Kodici Civili.

Il-Qorti taghmilha cara li m'hijex ser tiddeciedi dwar l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta minhabba li l-kawza ma gietx imhollija ghas-sentenza fuqha izda ser tillimita ruhha li tiddeciedi dwar il-preskrizzjoni.

**Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Schembri u Pavia u ghalhekk tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju, izda tichad it-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta u tordna li l-kawza titkompla fil-konfront taghha. L-ispejjes tal-konvenuti Schembri u Pavia jithallsu mill-attrici – dawk tas-socjeta' konvenuta jithallsu mill-istess socjeta' konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------